2025/2572

15.12.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2572

## tal-15 ta' Diċembru 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 ([1]).

(2) Fit-18 ta' Lulju 2025, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ippubblikat dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li fiha kkundannat bil-qawwa l-attivitajiet malizzjużi persistenti maħluqa mir-Russja, li jiffurmaw parti minn kampanji ibridi usa', koordinati u li ilhom jeżistu, immirati lejn it-theddid u d-dgħajfien tal-pedamenti tas-sigurtà, tar-reżiljenza u demokratiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha u tas-sħab tagħha. Ir-Rappreżentant Għoli saħqet li l-attivitajiet malizzjużi tar-Russja komplew jeskalaw mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u huwa wisq probabbli li jippersistu fil-futur prevedibbli.

(3) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-attivitajiet malizjużi tar-Russja diretti kontra l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.

(4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu tnax-il persuna fiżika u żewġ entitajiet mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja (ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj).

*ANNESS*

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura “A. Persuni fiżiċi”:

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| “48. | John Mark DOUGAN | Funzjoni: eks viċi sheriff minn Florida<br>Data tat-twelid: 15.12.1976<br>Post tat-twelid: Wilmington, Delaware, United States of America<br>Nazzjonalità: Amerikana, Russa<br>Sess: raġel | John Dougan huwa eks viċi sheriff minn Florida li ħarab lejn ir-Russja fl-2016. Huwa pubblikament akkużat li pparteċipa f’operazzjonijiet ta’ informazzjoni diġitali favur il-Kremlin minn Moska billi opera n-network CopyCop ta’ siti web tal-aħbarijiet foloz u appoġġa l-attivitajiet ta’ Storm-1516. Is-siti web mhux awtentiċi jimitaw mezzi tal-media leġittimi u jxerrdu stejjer iffabbrikati u kontenut deepfake ġġenerat mill-IA. Rapporti mill-awtoritajiet tal-Punent u sorsi investigattivi indipendenti jorbtu l-attivitajiet ta’ Dougan mal-aġenzija tal-intelligence militari tar-Russja (GRU) u l-grupp ta’ riflessjoni bbażat f’Moska is-Center for Geopolitical Expertise, li jagħti x’tifhem li jirċievi appoġġ u direzzjoni mir-Russja biex jinfluwenza l-elezzjonijiet, jiskredita personalitajiet politiċi u jimmanipula d-diskors pubbliku fil-pajjiżi tal-Punent.<br>Għalhekk, John Dougan huwa responsabbli għal, l-implimentazzjoni, l-appoġġ jew li bbenefika minn azzjonijiet jew politiki attribwibbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi billi jippjana, jidderieġi, jinvolvi ruħu, direttament jew indirettament fi, jappoġġa jew jiffaċilita b’xi mod ieħor l-użu ta’ manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 49. | Andrey Andreievich SUSHENTSOV<br><br>(bir-Russu: Андрей Андреевич Сушенцов) | Funzjoni: Direttur tal-Institute for International Studies (IIS), Moscow State Institute of International Relations (MGIMO University) – akkademja diplomatika taħt il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Federazzjoni Russa; Direttur tal-Programm tal-Valdai Discussion Club; membru tal-Council on Foreign and Defence Policy (SVOP); kummentatur frekwenti għall-media tal-istat Russu u awtur għal Russia in Global Affairs u organi oħra allinjati mal-Kremlin<br><br>Data tat-twelid: 8.6.1983<br><br>Post tat-twelid: Orenburg, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>INN: 400407010797 | Andrey Sushentsov huwa wieħed mill-ideologi ewlenin tal-politika barranija tar-Russja li jopera fis-sistema tad-dinja akkademika tal-istat u tal-gruppi ta' riflessjoni. L-istitut tiegħu (IIS MGIMO) huwa direttament subordinat għall-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Russu u integrat mill-qrib ma' strutturi uffiċjali diplomatiċi u ta' ppjanar strateġiku. Sushentsov jidher regolarment fil-media Russa u dik internazzjonali, u jippreżenta l-fehma dinjija tal-politika barranija tar-Russja f'konformità mal-messaġġi tal-Kremlin. Il-kummentarju tiegħu jippromwovi b'mod konsistenti n-narrattivi li ġejjin: il-Punent ipprovoka l-kunflitt fl-Ukrajna billi espanda n-NATO u hedded is-sigurtà tar-Russja; l-azzjonijiet tar-Russja huma difensivi u mmirati lejn ir-restawr ta' 'bilanċ strateġiku' fis-sistema internazzjonali; l-'ordni dinji unipolari' mmexxi mill-Istati Uniti qed jikkollassa, u r-Russja, flimkien maċ-Ċina u n-'Nofsinhar Globali', qed tibni dinja multipolari aktar ġusta; u s-sanzjonijiet tal-Punent huma illeġittimi u awtodistruttivi, użati bħala għodod ta' koerċizzjoni kontra stati sovrani. Huwa spiss jirrappreżenta l-perspettiva Russa fuq il-panels ta' Valdai li għalihom jattendu l-President Vladimir Putin u uffiċjali għolja, u jservi kemm bħala organizzatur kif ukoll bħala kelliem għal messaġġi approvati mill-Kremlin.<br><br>Għalhekk, Andrey Sushentsov huwa responsabbli li jappoġġa azzjonijiet jew politiki attribwibbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'bosta mill-Istati Membri tagħha, f'organizzazzjoni internazzjonali jew f'pajjiż terz, jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' pajjiż terz (l-Ukrajna), billi jappoġġa jew jiffaċilita b'xi mod ieħor l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 50. | Dmitry Vyacheslavovich SUSLOV<br><br>(bir-Russu: Дмитрий Вячеславович Суслов) | Funzjoni: Viċi Direttur, Centre for Comprehensive European and International Studies (CCEIS), Higher School of Economics (HSE University), Moska; Viċi Direttur għall-Programmi ta' Riċerka fil-Council on Foreign and Defence Policy (SVOP); espert u kelliem frekwenti fil-Valdai Discussion Club; kontributur għal Russia in Global Affairs u pubblikazzjonijiet oħra allinjati mal-Kremlin<br><br>Data tat-twelid: 15.2.1979<br><br>Post tat-twelid: Leningrad, USSR (illum Saint Petersburg, Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Dmitry Suslov huwa analista Russu tal-politika barranija li jaħdem f'istituzzjonijiet marbuta mill-qrib mal-politika u l-apparat tal-messaġġi tal-Kremlin. Permezz tar-rwoli tiegħu fl-HSE University, il-Council on Foreign and Defence Policy, u l-Valdai Discussion Club, huwa jipparteċipa regolarment f'diskussjonijiet ta' livell għoli li jsawru u jxerrdu n-narrattivi tal-politika barranija tar-Russja. Spiss jidher bħala 'espert independenti' fuq il-media tal-istat Russu u f'dik internazzjonali, fejn javvanza pożizzjonijiet konsistenti mal-linji uffiċjali tal-Kremlin: it-turija tan-NATO u tal-Istati Uniti bħala responsabbli għall-provokazzjoni tal-gwerra fl-Ukrajna, l-inkwadrar tal-appoġġ militari tal-Punent għal Kiev bħala 'eskalazzjoni' jew 'involviment dirett' fil-kunflitt u l-ġustifikazzjoni ta' azzjonijiet koerċittivi Russi bħala risponsi difensivi jew inevitabbli għall-aggressjoni mill-Punent.<br><br>Fl-2024, Suslov issuġġerixxa pubblikament li r-Russja għandha tikkunsidra 'splużjoni nukleari dimostrattiva' biex 'tfakkar lill-Punent dwar il-perikli tal-gwerra nukleari', dikjarazzjoni rrapportata b'mod wiesa' minn Reuters u minn organi oħra. Kummenti bħal dawn jinnormalizzaw l-idea ta' sinjalar u koerċizzjoni nukleari, u jikkontribwixxu direttament għall-klima ta' intimidazzjoni madwar il-politika tal-gwerra tar-Russja.<br><br>Għalhekk, Dmitry Suslov huwa responsabbli għal jew qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'bosta mill-Istati Membri tagħha, f'organizzazzjoni internazzjonali, jew f'pajjiż terz, jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' pajjiż terz (l-Ukrajna), billi jappoġġa jew jiffaċilita b'xi mod ieħor l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza jew billi jinstiga jew b'xi mod ieħor jiffaċilita kunflitt vjolenti f'pajjiż terz. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 51. | Fyodor Aleksandrovich LUKYANOV<br><br>(bir-Russu: Фёдор Александрович Лукьянов) | Funzjoni: ġurnalist, preżentatur tat-TV u xjentist politiku; Kap Editur ta' Russia in Global Affairs; Direttur tar-Riċerka tal-Valdai Discussion Club; membru tar-Russian International Affairs Council (RIAC)<br><br>Data tat-twelid: 1.2.1967<br><br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Fyodor Lukyanov huwa analista politiku prominenti Russu, kummentatur tal-politika barranija, u akkademiku b'rabta mill-qrib ma' gruppi ta' riflessjoni affiljati mal-Kremlin. Huwa l-Kap Editur ta' Russia in Global Affairs, wieħed mill-aktar ġurnali influwenti tar-Russja dwar il-politika barranija, u jservi bħala Direttur tar-Riċerka tal-Valdai Discussion Club, pjattaforma marbuta mill-qrib ħafna mat-tmexxija Russa u spiss użata biex tippromwovi narrattivi uffiċjali. Huwa wkoll membru tar-Russian International Affairs Council (RIAC) u spiss jimmodera sessjonijiet mal-President Vladimir Putin fil-fora ta' Valdai.<br><br>Permezz tal-kitbiet, l-intervisti u d-dehriet pubbliċi tiegħu, Lukyanov jamplifika b'mod konsistenti l-propaganda tal-Kremlin, u juri l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bħala reazzjoni difensiva għall-politiki tal-Punent. Huwa ripetutament jagħti t-tort lill-Unjoni, lin-NATO u lill-Istati Uniti talli 'pprovokaw' il-kunflitt, jiddeskrivi lill-Ukrajna bħala estensjoni tal-Punent aktar milli stat sovran, u jiġġustifika l-azzjonijiet militari Russi bħala 'meħtieġa' biex titwaqqaf l-espansjoni tan-NATO. L-argumenti tiegħu spiss jissemmew fil-media favur il-Kremlin u jsawru l-qafas intellettwali użat biex jilleġittimizza l-aggressjoni tar-Russja.<br><br>Huwa mexxej ewlieni tal-opinjoni li jipprovdi kopertura ideoloġika għall-aggressjoni Russa. Il-ħidma tiegħu f'Valdai u f'Russia in Global Affairs tappoġġa direttament in-narrattivi tal-politika barranija tal-Kremlin barra mill-pajjiż. Huwa jikkontribwixxi għal kampanji sistematiċi ta' diżinformazzjoni li jitfgħu t-tort tal-gwerra fuq l-Ukrajna u l-Punent.<br><br>Għalhekk, Fyodor Lukyanov huwa responsabbli għal jew qed jappoġġja azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà f'pajjiż terz jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' pajjiż terz (l-Ukrajna) billi jappoġġa jew jiffaċilita b'xi mod ieħor l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza jew billi jinstiga kunflitt vjolenti f'pajjiż terz. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 52. | Ivan Nikolaevich TIMOFEEV | Funzjoni: xjentist politiku, analista tal-politika barranija u strateġista tal-politika; Direttur Ġenerali tar-Russian International Affairs Council (RIAC); Direttur tal-Programm tal-Valdai Discussion Club<br>Data tat-twelid: 1983<br>Post tat-twelid: USSR (issa Russian Federation)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Ivan Timofeev huwa xjenzat politiku prominenti Russu u analista tal-politika barranija assoċjat mill-qrib ma' istituzzjonijiet allinjati mal-Kremlin. Huwa jservi bħala d-Direttur Ġenerali tar-Russian International Affairs Council (RIAC) — organizzazzjoni stabbilita mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Russu — u bħala Direttur tal-Programm tal-Valdai Discussion Club, pjattaforma ta' profil għoli użata mit-tmexxija Russa, inkluż mill-President Vladimir Putin, biex jippromwovi narrattivi uffiċjali tal-istat lil udjenzi domestiċi u internazzjonali. Timofeev huwa wkoll kontributur frekwenti għal Russia in Global Affairs u kummentatur għall-media tal-istat bħal TASS u Izvestia.<br>Permezz tal-kitbiet, l-intervisti u d-dehriet tiegħu fil-fora ta' Valdai, Timofeev jamplifika b'mod konsistenti l-propaganda tal-Kremlin. Huwa jpinġi l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja bħala rispons difensiv għall-provokazzjoni mill-Punent, jiddeskrivi lill-Ukrajna bħala 'estensjoni' tal-Punent u jagħti t-tort lill-Istati Uniti u lin-NATO talli eskalaw il-kunflitt. L-analiżijiet tiegħu jilleġittimizzaw regolarment l-aggressjoni militari Russa u jinnormalizzaw il-konfrontazzjoni mal-Punent, filwaqt li jiskreditaw is-sanzjonijiet mill-Punent u juruhom bħala atti ta' ostilità.<br>Għalhekk, Ivan Timofeev huwa responsabbli għal jew qed jappoġġja azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà f'pajjiż terz (Ukrajna), jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' pajjiż terz (l-Ukrajna), billi jappoġġa jew jiffaċilita b'xi mod ieħor l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 53. | Andrey Georgievich BYSTRITSKYI<br><br>(bir-Russu: Андрей Георгиевич БЫСТРИЦКИЙ) | Funzjoni: ġurnalist, maniġer tal-media, akkademiku u eżekuttiv ta' grupp ta' riflessjoni; President tal-Bord tal-Valdai Discussion Club Foundation<br><br>Data tat-twelid: 21.7.1960<br><br>Post tat-twelid: Moscow, USSR (issa Russian Federation)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | It-tmexxija ta' Andrei Bystritskyi f'Valdai u l-isfond medjatiku/akkademiku tiegħu jissuġġerixxu li jappoġġa u jxerred b'mod attiv in-narrattiva uffiċjali Russa dwar ir-relazzjonijiet internazzjonali, il-kontroll tal-media u r-rwol tar-Russja fi kwistjonijiet globali. Il-Valdai Club jintuża bħala għodda ta' diplomazija pubblika Russa u ta' setgħa ta' persważjoni; bil-ġestjoni ta' dan il-korp, Bystritskyi jikkontribwixxi għall-infrastruttura tal-produzzjoni u t-tixrid tan-narrattiva tal-istat. Bħala dekan ta' fakultà universitarja ewlenija (komunikazzjoni/media) u maniġer tal-media b'esperjenza, jinsab f'pożizzjoni li jsawwar il-kurrikuli, ir-riċerka u d-diskors pubbliku madwar il-media, il-komunikazzjoni u n-narrattivi tal-istat - li jistgħu jiffaċilitaw kampanji kkoordinati ta' informazzjoni jew interferenza. Il-kwotazzjonijiet u d-diskorsi tiegħu jirriflettu u jippromwovu n-narrattivi diplomatiċi Russi - bħal dawk dwar dinja multipolari jew in-Nofsinhar Globali li jikkoopera mar-Russja, li jallinjaw mal-messaġġi strateġiċi tal-Kremlin.<br><br>Andrei Bystritskyi għalhekk huwa responsabbli għal jew qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'diversi mill-Istati Membri tagħha, jew f'pajjiż terz (l-Ukrajna) billi, jappoġġa jew jiffaċilita b'xi mod ieħor l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 54. | Vladislav Yevgenevich BOROVKOV<br><br>(bir-Russu: Владислав Евгеньевич БОРОВКОВ) | Funzjoni: uffiċjal (Logutenent Għoli) tal-GRU Unit 29155<br><br>Data tat-twelid: 7.10.1997<br><br>Post tat-twelid: Russian Federation<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Vladislav Borovkov huwa membru tal-GRU (Russia's Military Intelligence Agency), Unit 29155, kif ukoll tal-attur ċibernetiku Cadet Blizzard. Borovkov aġixxa flimkien ma' membri oħra ta' Cadet Blizzard. Barra minn hekk, bejn Diċembru 2020 u Awwissu 2024, Borovkov ħa sehem f'attakki ċibernetiċi kontra organizzazzjonijiet tal-gvern fl-Ukrajna. Cadet Blizzard uża wiper malware WhisperGate fuq is-sistemi kompromessi, li kkawża ħsara sinifikanti fis-sistemi tal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-grupp kellu fil-mira wkoll Stati Membri tal-Unjoni u membri tan-NATO bl-għan li jikseb informazzjoni sensittiva u li jiddestabbilizza s-sitwazzjoni politika tagħhom.<br><br>Għalhekk, Vladislav Borovkov huwa responsabbli għal jew qed jimplimenta azzjonijiet jew politiki attribwibbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni, f'diversi Stati Membri tagħha, fin-NATO u fl-Ukrajna, jew is-sovranità tagħhom, permezz tal-involviment f'azzjonijiet immirati lejn il-funzjonament ta' servizzi ta' interess pubbliku, jew li għandhom l-għan li jagħmlu ħsara jew jeqirdu l-infrastruttura kritika tagħhom permezz ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi. Huwa wkoll persuna assoċjata mal-entità GRU Unit 29155. | 15.12.2025 |



ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2572/oj

GU L, 15.12.2025

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 55. | Denis Igorevich DENISENKO<br><br>(bir-Russu: Денис Игоревич ДЕНИСЕНКО) | Funzjoni: Uffiċjal tal-GRU Unit 29155<br><br>Data tat-twelid: 14.5.1997<br><br>Post tat-twelid: Russian Federation<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Denis Denisenko huwa membru tal-GRU (Russia's Military Intelligence Agency), Unità 29155, kif ukoll tal-attur ċibernetiku Cadet Blizzard. Denisenko aġixxa flimkien ma' membri oħra ta' Cadet Blizzard. Barra minn hekk, bejn Diċembru 2020 u Awwissu 2024, Denisenko ħa sehem f'attakki ċibernetiċi kontra organizzazzjonijiet tal-gvern fl-Ukrajna. Cadet Blizzard uża wiper malware WhisperGate fuq is-sistemi kompromessi, li kkawża ħsara sinifikanti fis-sistemi tal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-grupp kellu fil-mira wkoll Stati Membri tal-Unjoni u membri tan-NATO bl-għan li jikseb informazzjoni sensittiva u li jiddestabbilizza s-sitwazzjoni politika tagħhom.<br><br>Għalhekk, Denis Denisenko huwa responsabbli għal jew qed jimplimenta azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni, f'diversi Stati Membri tagħha, fin-NATO u f'pajjiż terz (l-Ukrajna), jew is-sovranità tagħhom, permezz tal-involviment f'azzjonijiet immirati lejn il-funzjonament ta' servizzi ta' interess pubbliku jew li għandhom l-għan li jagħmlu ħsara jew jeqirdu l-infrastruttura kritika tagħhom permezz ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi. Huwa wkoll persuna assoċjata mal-entità GRU Unit 29155. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 56. | Dmitry Iurevich GOLOSHUBOV<br><br>(bir-Russu: Дмитрий грьевич ГОЛОШУБОВ) | Funzjoni: Uffiċjal tal-GRU Unit 29155<br><br>Data tat-twelid: 10.10.1998<br><br>Post tat-twelid: Russian Federation<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | Dmitry Goloshubov huwa membru tal-GRU (Russia’s Military Intelligence Agency), Unit 29155, kif ukoll tal-attur ċibernetiku Cadet Blizzard. Goloshubov aġixxa flimkien ma’ membri oħra ta’ Cadet Blizzard. Barra minn hekk, bejn Diċembru 2020 u Awwissu 2024, Goloshubov ħa sehem f’attakki ċibernetiċi kontra organizzazzjonijiet tal-gvern fl-Ukrajna. Cadet Blizzard uża wiper malware WhisperGate fuq is-sistemi kompromessi, li kkawża ħsara sinifikanti fis-sistemi tal-Ukrajna. Barra minn hekk, il-grupp kellu fil-mira wkoll Stati Membri tal-Unjoni u membri tan-NATO bl-għan li jikseb informazzjoni sensittiva u li jiddestabbilizza s-sitwazzjoni politika tagħhom.<br><br>Għalhekk, Dmitry Goloshubov huwa responsabbli għal jew qed jimplimenta azzjonijiet jew politiki attribwibbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni, f’diversi Stati Membri tagħha, fin-NATO u f’pajjiż terz (l-Ukrajna), jew is-sovranità tagħhom, permezz tal-involviment f’azzjonijiet immirati lejn il-funzjonament ta’ servizzi ta’ interess pubbliku jew li għandhom l-għan li jagħmlu ħsara jew jeqirdu l-infrastruttura kritika tagħhom permezz ta’ attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi. Huwa wkoll persuna assoċjata mal-entità GRU Unit 29155. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 57. | Jacques BAUD | Funzjoni: eks kurunell tal-armata Żvizzera; eks analista strateġiku, speċjalista tal-intelligence u t-terroriżmu.<br>Data tat-twelid: 1.4.1955<br>Nazzjonalità: Żvizzera<br>Sess: raġel | Jacques Baud, eks kurunell tal-armata Żvizzera u analista strateġiku, huwa mistieden regolari fuq programmi tat-televiżjoni u tar-radju pro-Russi. Jaġixxi bħala pedina għal propaganda favur ir-Russja u jagħmel teoriji ta’ kospirazzjoni, fejn, pereżempju, jakkuża lill-Ukrajna li orkestrat l-invażjoni tagħha stess sabiex tingħaqad man-NATO.<br>Għalhekk, Jacques Baud huwa responsabbli għal, l-implimentazzjoni jew l-appoġġ ta’ azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà f’pajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinvolvi ruħu fl-użu ta’ manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza. | 15.12.2025 |
| 58. | Xavier MOREAU | Funzjoni: eks uffiċjal militari u negozjant Franko-Russu; fundatur tas-sit web Stratpol<br>Data tat-twelid: 25.10.1971<br>Nazzjonalità: Franċiża<br>Sess: raġel | Xavier Moreau huwa negozjant u fundatur tas-sit web Stratpol, u eks uffiċjal militari. Jaġixxi bħala pedina għal propaganda favur ir-Russja u favur il-Kremlin, u jxerred teoriji ta’ kospirazzjoni dwar l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, fejn, pereżempju, jakkuża lill-Ukrajna li orkestrat l-invażjoni tagħha stess sabiex tingħaqad man-NATO.<br>Għalhekk, Xavier Moreau huwa responsabbli għal, l-implimentazzjoni jew l-appoġġ ta’ azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà f’pajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinvolvi ruħu fl-użu ta’ manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 59. | Diana Vitaliivna PANCHENKO (bl-Ukren: Діана Віталіївна ПАНЧЕНКО)<br>(bir-Russu: Диана Витальевна ПАНЧЕНКО) | Data tat-twelid: 21.5.1988<br>Post tat-twelid: Mykolaïv, Ukrainian SSR (issa Ukraine)<br>Nazzjonalità: Ukrena, Russa<br>Sess: mara | Diana Panchenko hija ġurnalista u propagandista mwielda fl-Ukrajna. Tipproduċi u xxerred narrattivi kontra l-Ukrajna, favur ir-Russja u kontra n-NATO.<br>Fil-filmati tagħha, timita deliberatament formati ta' xandiriet tal-aħbarijiet, sabiex tilleġittimizza n-narrattivi tal-Kremlin. Timmanipula l-informazzjoni biex tpinġi lill-awtoritajiet Ukreni bħala 'Nażisti' u takkużahom li tradew lil nieshom stess, filwaqt li tiġġustifika l-aggressjoni militari u d-delitti tar-Russja.<br>Ipproduċiet xogħol f'reġjuni Ukreni okkupati (inkluż f'Mariupol u Donetsk) li ġie deskrittbħala propaganda li tiġġustifika delitti tal-gwerra mis-Servizz tas-Sigurtà Ukren (SBU). Il-kontenut tagħha xxandar fuq it-televixins Ukreni matul attakk ċibernetiku Russu li fixkel l-ipprogrammar televiżiv.<br>Panchenko tamplifika wkoll ir-retorika kospiratorja u kontra l-Ukrajna fuq il-kanal Telegram tagħha (402k abbonat) u fuq X (148k segwaċ). Fuq il-kont X tagħha, tipprova żżid l-udjenza tagħha li titkellem bl-Ingliż billi tuża kontenut ta' click-bait u attività mhux awtentika u billi tippromwovi kontijiet favur ir-Russja.<br>Għalhekk, Diana Panchenko hija responsabbli għal, qed timplimenta jew tappoġġja azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà f'pajjiż terz (l-Ukrajna) billi tinvolvi ruħha fl-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza. | 15.12.2025"; |

(2) L-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "16. | 142nd Separate Electronic Warfare Battalion<br>142-й батальон радиоэлектронной борьбы<br>142-й батальон РЭБ<br>142-й отдельный батальон радиоэлектронной борьбы | 236000, Posyolok Kumachevo, Kaliningrad region, Russian Federation | Il-142nd Separate Electronic Warfare Battalion, ibbażat fir-reġjun ta' Kaliningrad, huwa parti mill-gwerra elettronika u għandu rwol importanti fl-iżgurar tas-sigurtà u d-difiża tar-reġjun. Il-battaljun huwa responsabbli għall-użu tat-teknoloġija għad-diżorganizzazzjoni ta' kwalunkwe sistema ta' komunikazzjoni shortwave, it-twettiq ta' eżerċizzji tal-gwerra elettronika biex jiġu sfrattati n-navigazzjoni u l-komunikazzjoni bir-radju tal-għedewwa kif ukoll għall-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni ta' intelligence miksuba bl-osservazzjoni tar-radjazzjoni elettromanjetika fil-faxxi 'ultrashort wave' u 'short wave'.<br>Dan l-aħħar, diversi pajjiżi Ewropej esperjenzaw ħsarat fis-sinjali tal-GPS, li ġew attribwiti għal attivitajiet ta' gwerra elettronika mir-Russja, speċifikament minn Kaliningrad. Dan jinkludi d-disturbazzjoni intenzjonata u l-'ispoofing' tas-sinjali tal-GPS, li jaffettwaw primarjament lill-Istati Baltiċi. L-interferenza u l-manipulazzjoni tas-sinjali tal-GPS wasslu għal ostakli għall-inżul ta' ajruplani ċivili.<br>Il-142nd Separate Electronic Warfare Battalion f'Kaliningrad irċieva tagħmir ta' disturbazzjoni u wettaq eżerċizzji bl-użu ta' sistemi avvanzati li kapaċi jfixklu l-komunikazzjoni f'żoni kbar.<br>Għalhekk, il-142nd Separate Electronic Warfare Battalion, bħala parti mill-forzi militari tar-Russja li jiffaċilitaw l-użu (ħażin) tas-settur tal-frekwenzi tar-radju, huwa responsabbli għal azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Istati Membri tal-Unjoni, jew is-sovranità tagħhom, billi jinvolvu ruħhom, direttament jew indirettament, fl-appoġġ jew il-faċilitazzjoni b'xi mod ieħor tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza jew f'azzjonijiet immirati biex jinterferixxu, jagħmlu l-ħsara jew jeqirdu l-infrastrutturi kritiċi permezz ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi bħala parti minn attivitajiet ibridi. | 15.12.2025 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 17. | International Russophile Movement<br>(bir-Russu: Международное движение русофилов)<br>(bil-Franċiż: Mouvement International Russophile) | | L-International Russophile Movement huwa moviment responsabbli għall-amplifikazzjoni tan-narrattivi destabbilizzanti fuq skala dinjija, f'isem il-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Il-moviment għandu rabtiet b'saħħithom mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Russu, u jirċievi approvazzjoni għall-ħidma tiegħu. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Russu Sergey Lavrov għamel diskorsi ewlenin fil-laqgħat tal-kungress tal-moviment. Il-moviment huwa assoċjat ukoll mal-ideologu ewlieni tal-Kremlin Aleksandr Dugin u l-oligarka tal-media Konstantin Malofeev. Il-Gvern tal-Federazzjoni Russa juża l-moviment bħala kopertura biex jimmanipula l-opinjoni pubblika ta' pajjiżi oħra, jippromwovi s-sentiment kontra l-Punent u jirrepeti punti oħra ta' diskors tal-Kremlin.<br>Għalhekk, l-International Russophile Movement qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'pajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinvolvi ruħu, fl-appoġġ jew il-faċilitazzjoni b'xi mod ieħor tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza. | 15.12.2025". |